# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 393/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Annabelle Camilleri Monreal**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Annabelle Camilleri Monreal, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 311185 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar l-għoxrin (20) ta` Awwissu, 2014:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa oħra sabiex iggiegħel titwemmen l-eżistenza ta` intrapriżi foloz, jew ta` ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biża jew tama dwar xi ħaġa kimerika, għamlet qliegħ għal dannu ta` Jessica Ballarin u Eric Falzon;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-disgha (9) ta` Settembru, 2014, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa oħra sabiex iggiegħel titwemmen l-eżistenza ta` intrapriżi foloz, jew ta` ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biża` jew tama dwar xi ħaġa kimerika, għamlet qliegħ għad-dannu ta` Simona Cassano;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-disgħa (9) ta` Settembru, 2014, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa oħra sabiex iggiegħel titwemmen l-eżistenza ta` intrapriżi foloz, jew ta` ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biża jew tama dwar xi ħaġa kimerika, għamlet qliegħ għad-dannu ta` Stuart Zintilis;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta` Ottubru, 2014 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi uriet ħaġa oħra sabiex iggiegħel titwemmen l-eżistenza ta` intrapriżi foloz, jew ta` ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta`

krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biża' jew tama dwar xi ħaġa kimerika, għamlet qliegħ għad-dannu ta` Nadine Pisani u Mark Calleja;

5. Talli fix-xhur ta` bejn Awwissu u Ottubru, 2014, f'dawn il-Gzejjer, approprijat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra, ħaġa ta` ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa, jew li jsir użu minnha speċifikata għad-dannu ta` Romina Marmara, Jessica Ballarin, Eric Falzon, Simona Cassano, Stuart Zintilis, Mark Calleja, Nadine Pisani u Romina Marmara

6. Talli fix-xhur ta` bejn Awwissu u Ottubru, 2014, naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, LL.D., fid-digriet tagħha datat sitta u għoxrin (26) ta` Frar, 2013, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

7. Talli fid-dati imsemmija qabel f'akkużi nru. 1, 2, 3, 4 u 5 ikkommettiet reati waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiża, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel, hekk kif mogħtija nhar it-tnejn (2) ta` Diċembru, 2013, mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta` ħtija tikkunsidra ukoll lil Annabelle Camilleri Monreal bħala reċidiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-22 ta' Lulju, 2015 li biha, wara l-ammissjoni tal-imputata tat-30 ta' Diċembru, 2014 sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti u wara li rat li

sad-data tas-sentenza l-ebda pagament ma sar lill-parte ċivile, ikkundannatha għal terminu ta' priġunerija għal żmien sena (1), li minnu kellu jitnaqqas il-perjodu li hija damet taħt arrest preventiv;

Rat ir-rikors tal-appellanta, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 t'Awwissu, 2015 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjara l-istess sentenza nulla u bla effett jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel lanjanza tal-imputata f'dan l-appell jirrigwarda l-validita' tas-sentenza appellata bil-gravam li l-ewwel Qorti naqset milli tghid x'kienu l-fatti tal-kaz skond kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'.*

*2.* Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun ribadit illi meta dan l-artikolu jaghmel referenza ghall-fatti, r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet jew akkuzi, skond il-kaz, ikun bizzejjed biex jissodisfa l-vot tal-ligi. Dan ilu hekk ritenut mill-Qrati taghna kif jidher minn gurisprudenza in rigward u l-appellanta ma ressqet ebda argument sabiex ikun deciz mod iehor. Per ezemplari qed issir referenza ghas-sentenza 'Il-Pulizija vs Carmel Polidano'[1] fejn kien ritenut hekk: *'Jiġifieri għall-validita` huwa suffiċjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l- Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha.*

3. Fis-sentenza il-Pulizija vs Elton Abela[2] l-Qorti tal-Appell Kriminali imbaghad spjegat li dak li fil-fehma taghha ried isostni l-leġislatur bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u qalet is-segwenti:

[1] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Diċembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)
[2] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

*"Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi għalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiġġustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbagħad għaddiet biex telenka l-artikoli tal- liġi relattivi għal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu ħati wara li qalet li kienet semgħet ix-xhieda kollha u eżaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'moħħa l-ewwel Qorti huwa ċar, cioe` li kienet qed issib il-ħtija għall-imputazzjonijiet kollha peress li ma għamlet l-ebda kwalifika, u wieħed m'għandux għalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant ħati. Ċertament kien ikun deżiderabbli li kieku l-ewwel Qorti żiedet il-kliem "ta' l-imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "ħati".'*

4. Issir referenza ukoll ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Albert Caruana[3], Il-Pulizija vs Peter Abdilla[4], Il-Pulizija vs Mariella Caruana[5] u Il-Pulizija vs John Tanti[6].

5. Issa, l-appellant jghid illi is-sentenza appellata hija karenti f'dan l-aspett u ccita gurisprudenza in sostenn tal-aggravju taghha. Il-gurisprudenza minnha indikata, izda, hija konsonanti ma' dik appena indikata minn din il-Qorti u tirreferi ghall-dik l-istanza meta l-Qorti, minkejja li tghid x-inhuma l-fatti fit-termini kif spjegat *supra* tonqos milli tindika ta' liema wahda minn dawk il-fatti kienet qed issib htija. Fil-kaz hawn skrutinat, l-ewwel Qorti, wara li

[3] Qorti tal-Appell Kriminali 120/2015 GMG 30.1.2017
[4] Qorti tal-Appell Kriminali 28.7.2010
[5] Qorti tal-Appell Kriminali 15.12.2010
[6] Qorti tal-Appell Kriminali 24.1.2013

rriproduciet l-imputazzjoni kif prezenti fic-citazzjoni, u wara ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, kkonkludiet hekk: *Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputata* ***<u>hatja kif akkuzata</u>****".* (enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti);

6. Huwa ghalhekk bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti ma ppekkat bl-ebda mod fl-osservanza tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

7. Fit-tieni aggravju l-appellanta tirrileva lli l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' sena priġunerija hija waħda eċċessiva u sproporzjonata u tressaq l-argumenti illi din kienet hekk sia fil-kwalita' kif ukoll fil-kwantita' taghha aktar u aktar meta rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri proprju fit-tieni udjenza. L-appellanti tressaq r-ragunijiet taghha ghal-piena aktar riformattiva u talbet ukoll illi tkun esebita l-istqarrija rilaxxjata minnha u dan minghajr ma tghid ir-rilevanza ghal dan ghajr li jkun aktar idoneu. Din l-ahhar rikjesta, izda, ma kienitx approfondita waqt l-udjenzi kollha quddiem din il-Qorti fejn instemghu ukoll xhieda professjonisti u ghalhekk ma tara ebda htiega li tinoltra ulterjorment fuq din l-ahhar talba;

8. Kif juru l-atti processwali, din il-Qorti zammet diversi seduti u semghet xhieda in sostenn ghar-ricerka dwar jekk l-appellanti hijiex verament qed taghmel l-almu taghha biex tirriforma ruhha u ghalhekk sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li tippresta dik l-affidibilita' f'kaz li tkun applikata fil-konfront taghha piena li tirristringi l-liberta' taghha. Mix-xhieda tal-Psikologu Dr. Charles Cassar din il-Qorti tista' taprezza ahjar

id-diffikultaijiet li wasslu lill-appellanta ghal-kumulu fil-fedina penali taghha u li issa qed taghmel l-isforzi kollha biex tohrog minn dan il-vizzju ta' frodi mkebbes bil-kilba li taghmel il-flus bl-iqsar mod possibbli. Dr. Cassar xehed li issa qed tapprezza l-izball taghha u bdiet f'impjieg bil-paga minima. L-appellanti ressqet ukoll dokument li juri li hemm impjieg lest ghaliha f'kaz li tinheles mill-inkarcerazzjoni;

9. Rat ukoll is-Social Inquiry Report dettaljat tal-Ufficcjal tal-Probation nominata minn din il-Qorti diversament preseduta fejn kien rakkomandat li l-appellanta tibqa' zzomm kuntatt mal-psikologu sabiex tkompli tahdem fuqha nnifisha bil-ghan li tghix hajja stabbli 'l boghod mill-kriminalita';

10. Semghet ukoll is-sottomissjoni verbali tal-partijiet fejn l-abbli Avukat Prosekutur ippuntwalizza illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti erogat piena anqas minn dik kominabbli skond il-ligi u fi kliem iehor, nizlet taht il-minimu minghajr ebda raguni valida. L-istess Avukat Prosekutur gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal fatt illi kif dikjarat fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti, l-imputata gia kienet trattata dwar is-seba imputazzjoni b'sentenza moghtija proprju fil-jum tal-prezentata taghha;

11. Kwantu ghal-piena erogabbli ghal-erba' imputazzjonijiet ta' frodi gia fl-ewwel imputazzjoni l-imputata kienet passibbli ghall-prigunerija minn sentejn sa disa' snin stante li l-ammont frodat kien in eccess ta' hamest elef euro ex artikolu 310(1) (a) tal-Kodici Kriminali. Bil-gradwatorja tal-piena kontemplata fl-artikolu 17(b) m'hemmx ghalfejn jinghad l-piena kellha

ukoll tirrifletti zieda aktar mill-minimu ta' sentejn prigunerija. Issa kif korrettament osservat mill-abbli difensur tal-imputata, l-Avukat Generali ma appellax in rigward. Minkejja dan, certament li l-appellant ma tistax issa tilmenta dwar il-quantum tat-terminu ta' karcerament. Dak li hu soggett ta' diskussjoni hu jekk l-kaz kienx jimmerita prigunerija effettiva jew le;

12. Dwar dan, il-principju stabbilit hu li tali diskrezzjoni hi dejjem fdata f'idejn l-ewwel Qorti u l-imputata ma tistax tistenna xi *discount* fil-piena b'mod awtomatiku fuq il-premessa li rregistrat ammissjoni anke jekk bikrija. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar it-talba tal-imputata ghall-piena riformattiva. Tifhem x'wassalha sabiex tibda din il-hajja u rat illi l-istituzzjonijiet tal-pajjiz, inkluza din il-Qorti, investew serjament fil-possibbli riformazzjoni taghha. L-imputata inghatat l-opportunita' diversi drabi bhala *probationee* sia taht l-artikolu 22 u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 kif ukoll l-beneficcju ta' sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

13. Il-Qorti tinnota b'sodisfazzjon li l-appellanti qed taghmel minn kollox biex tirriforma ruhha izda temmen li ghandha tiehu l-okkazzjoni li tiskonta l-piena erogata, cioe' dak li fadal minnha, peress illi ghamlet zmien taht arrest preventiv, u tghalaq dan il-kapitolu refrattarju ta' hajjitha. It-talba ghal-piena alternattiva ghalhekk qed tkun michuda;

14. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.